*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* oppożizzjoni miċħuda parzjalment

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill(KE) Nru 207/2009

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Jannar 2014 — Mogyi vs UASI (Just crunch it…)

## (Kawża T-8/14)

(2014/C 71/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Mogyi Kft. (Csávoly, l-Ungerija) (rappreżentanti: Zs. Klauber, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet tar-rikorrenti

— tordna l-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għal trade mark, ħlief f'dak li jikkonċerna l-"ħobż, għaġina tal-kejk u ħelu" (klassi 30) u l-"prodotti tar-raba', żerriegħa" (klassi 31)

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali "Just crunch it." għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 29, 30, 31 u 35 — applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 713 485.

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* ċaħda parzjali tal-applikazzjoni.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* annullament parzjali tad-deċiżjoni kkontestata bid-Deċiżjoni Nru R 1921/2012-1.

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009/KE.

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Jannar 2014 — Mogyi vs UASI (Just crunch it…)

## (Kawża T-9/14)

(2014/C 71/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Mogyi Kft. (Csávoly, l-Ungerija) (rappreżentant: Zs. Klauber, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

### Talbiet

— tordna l-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni għal trade mark, ħlief fir-rigward tal-"ħobż, għaġina u ħlewwiet" (klassi 30) u l-"prodotti agrikoli, qmuħ" (klassi 31)

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "Just crunch it…" għal oġġetti u servizzi fil-klassijiet 29, 30, 31 u 35 — applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 10 716 711.

*Deċiżjoni tal-eżaminatur:* applikazzjoni miċħuda parzjalment.

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni kkontestata bid-Deċiżjoni Nru R 1922/2012-1 annullata parzjalment.

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009/KE.

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Jannar 2014 — L-Ungerija vs Il-Kummissjoni

## (Kawża T-13/14)

(2014/C 71/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* L-Ungerija (rappreżentanti: M.Z. Fehér u K. Szíjjártó, bħala aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni C(2013) 7136 finali, tal-31 ta' Ottubru 2013, dwar ir-rimbors parzjali tal-għajnuna finanzjarja nazzjonali mħallsa lill-organizzazzjonijiet ta' produtturi għall-programmi operazzjonali implementati fl-Ungerija fl-2011;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.